# ID-DISGRAZZJA

## KIEFRA

TA'

# GHAWDEX

MIKTUBHA POESIJA

MINN

**G. B. B.**

1948

MALTA

33627 20.1

# ID-DISGRAZZJA

TA'

# GHAWDEX

Li ġrat is-Sibt 30 ta' Ottubru 1948

B'QALB maqsumha d-mugħ f'għajnejja
Ħadt il-pinna nikteb sejjer
Id-disgrazzja tassew kiefra
Illi laqtet dawn il-gżejjer.

Nhar is-Sibt, tletin t-Ottubru,
Jibqa sgur irreġistrat,
Għad-disgrazzja bosta kbira
Illi bħala hawn ftit ġrat.

Dak li sejjer hawn intenni
Stqarrewh dawk illi ġarbuha,
U salvaw minn għarqa ċerta
Mill Madonna li talbuha.

Gemgħa nies li kienu l-Marfa
Sabiex jirkbu mall-vapur,
Baqu l-art, għaliex bil baħar
Ma segħtax dan hemm imur

Attard Karmnu li kien fostom
Fuq li ġara tkellem dana,
Dak li qal haunħekk intennu
Sew kif kien, għal min jaqrana.

Kont il-Marfa, dan qalilna;
Sabiex l-ommi nara mmur,
Għal xi t-tlieta bdejt niddejjaq
Lura jien fettilli ndur.

Mikiel Borġ kien ġralu bħali
Nistennew għal xejn hemm xbajna,
U bil mixi għal Mellieħa
Flimkien tlaqna, jesna qtajna.

Il-Mellieħa 'lmaħt karrozza
B'nies li nafhom għax Għawdxin,
Irkipt magħħom, lura l-Marfa
Sirna hemm ħamsa u għoxrin.

Għedt: la hawn dawn in-nies kollha
Biex immorru sgur insibu,
Jien ma nafx min kien l-irranġa
Biex minn Għawdex lozzu nġibu.

Għal xi s-sebgħa tfaċċa lozzu
Li minn Għawdex ġie apposta,
Kullħadd telgħa, jien dehirli
Li għad-daqs konna nies bosta.

Kien hemm fostna mara waħda,
Ċerta Rita mix-Xewkija;
Żagħżuħ Malti, Camilleri;
Kelna wkoll żewġ puluzija.

Iż-żagħżuħ Malti fis beda
Ir-Rużarju jgħid għalina,
Sabiex Alla jeqaf magħna
U da l-vjaġġ tajjeb jagħtina.

Sa Kemmuna xejn ma ġara,
Iżda kif ħallejna l-dina,
Deher bis-sħieħ li ma kienx galbu
Beda l-biża jidher fina.

Karmu Grima sid il-lozzu
Deher imħasseb, bla telf żmien
Qal: tridux flok l-Imġarr, nidħlu
Hawn fil Ħandaq ir-Rummien ?

Tnejn minn nies biss riedu jinżlu
Ma l-oħrajn għad beżagħnin,
Ma tkelmux, u għalekk aħna
Lejn l-Imġarr bqajna sejrin.

Kif wasalna taħt l-Imġarraf,
Beda l-lozzu jogħla sħieħ;
Il-mewġ waħda wara l-oħra
Beda l-ilma jarmi fieħ.

F'daqqa waħda l-lozzu tmejjel
Fuq ġemb wieħed, x'waħda din !
Baqa nieżel meta konna
Qrib lejn l-art mitt pass qegħdin.

Hawn minn jista qatt ifisser
F'dan il-waqt aħna x'ħassejna,
Min jitbekka, min jitħabat,
Bil mewt dejjem riesqa lejna.

F'dak id-dlamm xejn ma stajt nara,
Baħar qawwi jibla l-art,
Jien sibt ruħi f'nofs il-baħar
Bdejt ingħum mirżuh bil-bart.

In-naħiet taċ-Ċawl, l-Imġarraf,
Jiena prattku tagħhom sħieħ;
U għalekk lejn din in-naħa
Ħadt ir-rotta minnufieħ.

Ftit bogħod minni smajt lir-Rita
Ma Mikiel titkellem dina,
Smajt wkoll xi ħadd qed jitlob
Lill ta' Pinu tħenn għalina.

Hawnhekk mewġa lilħi titfa
Fuq il-blat u ħadt ir-ruħ,
Wara ftit mill ġdid ġejt jiena
Ġewwa l-baħar f'salt mitfuħ.

Qawwejt qalbi, bl-akbar ħrara
Lill ta' Pinu nitlob bdejt,
Il-kuraġġ xejn ma naqasni
Hawn il-btat mill ġdid missejt.

Tħabat bosta sakemm jiena
Fuq l-art tlajt b'ħafna dbatija,
Rajt il-bogħod dawl qed inemnem,
Dik in-niċċa naf fejn hija.

Jien imxejt bil pass imagħġġel
Lejn il-Ħandaq ir-Rummien,
Xkora sibt fuq frejgatina,
Tfajta fuqi bla tlift żmien.

Kif wasalt il-Qala nċenpel
Malajr mort lill puluzija,
Jien għarrafftom b'kull ma ġara,
Sewwa il-biċċa kif hinija.

X'ħin wasalt id-dar għand ommi
Nofsi mejjet ferm mikdud,
Sibt li tlift kont xi ritratti
U tliet liri minn ġo l-but.

U kif sebaħ l-għada morna
Lejn ta' Pinu, għaliex jiena
Ridt inkompli l-wegħda tiegħi
Mal-Madonna l-Omm tal-ħniena.

Sa hawnhekk ġrajjiet it-tfajjel
Li salvat b'talb lill Madonna.
Jeħtieġ issa biex inkomplu
Illi nerġu għal fejn konna.

Zammit Pawlu li darb oħra
Salva kien fejn port l-gżira,
Qal: li ġara din id-darba
F'qalbu sgur jbqa tifkira.

Jiena, qal, kont il-Mellieħa
Fil karrozza meta sar
Il-ftehim, ma kif wasalna
Sibt li l-lozzu mhux mill kbar.

Tant hu hekk li xi ħadd kellu
Jibqa l-art għal-ewwel rajna,
Iżda fl-aħħar kullħadd rikeb
U poġġejna l-koll kif stajna.

Sew kif qbiżna lill Kemmuna,
Jiena dort fuq il-padrun
Għedtlu: hawn qed nagħmlu l-ilma
Wieġeb dan: kif jista jkun ?

Iżda wara staqsa l-sieħbu
Jekk kienx poġġa l-bokka-port,
Dana wieġeb ma kienx qegħdu,
U għalhekk malajr taħ tort.

Ma nafx kif u x'fatta l-lozzu
Miel fuq ġemb u niżel bina,
F'qalbi tlabt lill-Omm Santissma
Biex l-għajnuna din tagħtina.

Qbist il-baħar għad l-interter
Jien ħassejtni bl-akbar bart,
Iż-żarbun qlajt minn saqajja
Naqdef bdejt lejn naħit l-art.

Fejn taċ-Ċawl jiena sibt blata,
Fuqa tlajt sabiex nistrieħ,
Bdejt ingħajjat għal għajnuna
Hawn il-kliem smajt minnufieħ.

Kienet Rita qed tistaqsi
Lill Mikiel għar-raġel tagħha,
Smajt biss kliem għaliex bid-dalma
Lilha jien ma stajtx nilmaħħa.

Iżda biex inqawwi l-qalbom,
Xi kliem għedt lill dawn t-tnejn,
Aktar jien ma nafx x'sar minnom
Għaliex iżied ma rajt xejn.

Minn fejn kont fuq din il-blata
Tlabt l-imorru għal qrabati,
Sabiex jinżel xi ħadd minnom
Biex għajnuna lilhi jagħti.

Rajt xi dawl ma kien diffiċli
Illi dana jasal ħdejja,
Aktar tard xi ħadd b'dawl f'idu
Nilmaħ jiena riesaq lejja.

Xi ħadd wasal fuq il-blata
Illi kienet hemm fil qrib,
Dan ittanta jitfa ħbula
Bla ma sata ħdejja iġib.

Meta dak li għamel hiltu
L-isalvani, qata jesu,
Smajt in-nies mill bogħod igħidu:
Dawn li waslu huma niesu.

Sa da t-tant it-tlieta saru,
  Tmin sighat fll-gwaj għaddejt,
  Dejjem nitlob lill Madonna
  Hawn l-għajnuna nilmaħ bdejt.

Għad li kont mikdud mill baħar
  Qbist mill ġdid b'tama qawwija
  Illi nsib, lok qrib lejn l-għajnuna
  Illi kienet ġiet għalija.

Huti Salvu u l-kanonku,
  Dun Ġużepp, l-għajnuna tawni,
  U bl'għajnuna t'Alla magħhom
  Irnexxielom l-isalvawni.

Sa hawnhekk niftakar sewwa
  Kull ma ġara, kull ma sar;
  Hlist b'ftit ġrieħi li għalihom
  Lilhi ġiebu ġo l-isptar.

Sabiex aktar min qed jaqra
  Jifhem sew, nara meħtieġ;
  Li ma dan li għedna nżidu
  Kull ma stqarr mar Butiġieġ.

Donni ntbaħt, qal: x'sejjer jiġri,
Għax lill Magru mort wissejtu
Jaqla bħali sal ġakketta
U ż-żarbun, kif jien neħħejtu.

B'dawk in-nies kollha fil-lozzu
F'baħar qawwi bħal ma kien,
Bsart li gwaj kien hemm għalina
Dana wasal bla telf żmien.

Kif inqlibna ħassejt jiena
Li xi ħadd iggranfa miegħi
Hawn fil fond flimkien inżilna
Bla ma stajt inħarrek driegħi.

B'xorti kbira dan telaqni
B'nifs maqtugħ jien tlajt fil wiċċ,
Landa sibt, bl-għajnuna tagħha
Lejn l-art b'ħila bdejt inżiċċ.

Sibt il-blat, ittantajt nitla
Iċ-ċaqlik lura tegħfani,
B'qalb qawwija nitlob l-Alla
Biex mill għarqa isalvani.

Ittantajt mill ġdid u mewġa
L-art waddbitni ma nafx kif,
Naf li ħlist min għarqa sgura
B'qata biss u xi ftit grif.

It-tabib Salvin Debono
B'motor tiegħu ħadni d-dar,
Iżda hawn in-nifs naqasli
Għalekk ġejt meħud l-isptar.

Jien spiċċajt, irrid nitlobkom
Ma ninsewx ruħ l-imagħrqin
Kif ukoll l-ingħejnu l-ġabra
Għal familji tal-mejtin.

TMIEM

ŻAGĦŻAĦ

La tinsewx fil jem tal-Milied tixtru

# L-ISTRINA TAN-NAMRATI